MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 515/2003

***Maruti Motors Limited***

***vs***

***Patrick Xuereb, personalment u ghan-nom tas-socjeta' Dorlee Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenut proprio et. nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm190.40) rappresentanti ammont dovut skond erba kambjali (Nru 008 sa 011) li gew iffirmati mill-konvenut u li skadew fit-8 ta' Novembru 2002, 8 ta' Dicembru 2002, 8 ta' Jannar 2003 u 8 ta' Frar 2003, izda li bagqhu ma thallsux.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 2003 u tal-parir Lm15, u bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza kontra l-konvenut proprio et.nomine.

Ra li l-konvenut proprio et. nomine debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota guramentata pprezentata mill-avukat Dr. Louis Bianchi fil-15 ta’ Mejju 2003 ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li permezz taghha kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio et. nominee ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u disghin lira Maltin u erbghin centezmu, (Lm190.40), bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ -ittra ufficjali tad-19 ta’ Frar 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et. nomine.

-------------------------------TMIEM-------------------------------